# Monsinjur Emanuel Galea

## *it-Tielet Isqof mill-Belt Senglea u l-Festa ta' Marija Bambina*

**kitba tas-Sur Ryan Muscat**

Inħoss li ma nistax ma nsemmix din is-sena wieħed mill-aktar nies magħrufa li bosta snin ilu kien hawn fil-Gżejjer Maltin - lill-Isqof Emanuel Galea, li f' dawn l-aħħar xhur il-Kapitlu tal-Katidral ta' l-Imdina talab il-permess tal-Kurja ta' l-Arċisqof u tal-Kongregazzjoni tal-Vatikan, biex tinfetaħ kawża għall-kanonizzazzjoni ta' l-istess Isqof.

L-Isqof Emanuel Galea, huwa iben Gużeppi Galea u Karmela' nee' Camilleri. Huwa twieled fil-belt Senglea fl-10 ta' Marzu, 1891, fejn ġie mgħammed l-għada fil-Kolleġġjata minn zijuh Dun Stiefnu Camilleri, li kien il-Viċi Arċipriet f' dak iż-żmien. Hu ħa t-trobbija tiegħu minn familja mill-aħjar taħt il-ħarsien ta' zijuh Dun Stiefnu Camilleri, li kien il-Kanonku Kantur ta' l-Isla, u ta' Dun Salv Galea, ħuh akbar minnu, li kien Kanonku ta' l-Isla wkoll. Dawn kienu l-gwidi spiritwali tiegħu sa miċ-ċokon tiegħu. Fil-familja hu trabba flimkien ma' Franġisk, ħuh ieħor li kellu jkun il-Kanonku Prepostu ta' l-Isla. Sa minn età żgħira wera li kien tfajjel kapaċi u intelliġenti, li partikularment beda jinġibed lejn it-tagħlim spiritwali meta beda jattendi l-Istitut ta' l-Edukazzjoni Kattolika u l-Oratorju tal-Gandlora. Malajr inħasset fih l-inklinazzjoni li jgħallem lill-oħrajn. Kien għadu kjerku meta beda jgħallem il-katekiżmu fil-knisja ċkejkna ta' San Ġiljan.



Huwa beda l-istudji tiegħu fil-Liċeo fl-1903 sa l-1909, u kompla matul is-snin 1909 sas-sena 1916 fl-Università ta' Malta, mnejn kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija u l-Baċċellerat fil-Letteratura u fil-Liġi Kanonika tal-Knisja. Madanakollu, huwa ssokta jistudja barra minn Malta, fejn fis-sena 1923, kiseb lawrija oħra mill-Università Gregorjana ta' Ruma u ngħata d-Dottorat fil-Liġi tal-Knisja.

Monsinjur Emanuel Galea ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Diċembru, 1915, flimkien ma' ħuh Dun Franġisk. Għal xi żmien fid-dar kienu erba' saċerdoti: tlett aħwa u zijuhom. Sentejn wara jiġifieri fl-1917, Monsinjur Emanuel Galea ġie magħżul bħala Kanonku-Teologu ta' l-Isla. Tawh f' idejh it-tmexxija tat-Terz Ordni Franġiskan fil-Knisja ta' San Ġiljan, u kien id-Direttur ta' l-istess knisja. Ħa ħsieb ukoll is-Santa Infanzja. Bħala Prokuratur tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju, hu xerred ħafna d-devozzjoni lejn ir-rużarju. Kemm dam saċerdot fl-Isla, in-nies tal-parroċċa kienu jarawh jgħaddi ħafna sigħat iqarar.

Meta ħuh Dun Salv, fl-1921, ġie magħżul bħala Kappillan ta' Ħal Tarxien, il-familja Galea u zijuhom il-Kan. Dun Stiefnu Camilleri, marru joqogħdu f' dak ir-raħal. Min f' Ħal Tarxien jiftakar dak iż-żmien, jirrakkonta kemm il-parroċċa kienet ħadet ir-ruħ b' erba' saċerdoti bħal dawk. Fost l-oħrajn, lilhom kienu jammirawhom jarawhom miġburin l-erbgħa flimkien jitolbu u jirreċitaw l-Uffizzju Divin.

Iżda, l-Kan. Dun Emanuel Galea qatt ma kien maqtugħ minn belt twelidu, lanqas meta ma kienx joqgħod fiha. Huwa kien jagħmel ħiltu biex jaqdi bl-akbar eżattezza kull ħidma li kienet tiġi fdata f' idejh. L-għaqdiet reliġjużi ta' żmienu sabu fih għajnuna kbira. Hu kellu d-don rari li, mingħajr ma jtawwal, jitkellem u jgħallem b' mod ċar, u jsaħħar bil-kelma sempliċi u profonda tiegħu. Lil kull min jistaqsih xi ħaġa, hu kien kapaċi jagħtih parir tassew għaqli. Fl-Isla, huwa qeda b' eżattezza u delikatezza kbira d-dmirijiet tiegħu bħala Segretarju tal-Kapitlu. Kien is-Segretarju ta' żmien l-Inkurunazzjoni ta' Marija Bambina. F' dak iż-żmien, hu kellu jikteb kwantità kbira ta' ittri u ta' stediniet f' isem il-Kapitlu. Kien is-Segretarju ta' żmien l-ewwel diskussjonijiet diffiċli dwar il-preċedenza tal-Kolleġġjata ta' l-Isla fuq dawk ta' Birkirkara u ta' San Pawl tal-Belt. Barra minn hekk, bejn l-1921 u l-1932, kien Prefett ta' l-Istudju u għalliem tal-Letteratura Latina fis-Seminarju Veskovili ta' Malta. F' dan iż-żmien huwa

kien jgħix fis-Seminarju stess; imma, skond il-possibilitajiet tiegħu, hu kien jagħti s-servizz pastorali fl-Isla u f' Ħal Tarxien. Bejn l-1930 u l-1942, huwa għallem il-Liġi tal-Knisja fl-Università ta' Malta.

L-Arċisqof ta' dak iż-żmien, Mawru Caruana, tefa' għajnejh fuq dan il-qassis ċkejken fid-daqs, imma twajjeb, għaref u umli. Għalhekk, fl-1930 lilu għażlu bħala Segretarju Ġenerali tad-Djoċesi. Lilu, l-Arċisqof daħħlu wkoll fit-tribunal taż-żwiġijiet. Kulħadd beda jkollu venerazzjoni kbira lejh. Fl-1932, Monsinjur Emanuel Galea ġie magħżul bħala Kanonku-Teologu tal-Katidral ta' l-Imdina. F' dik is-sena stess, Monsinjur Galea rregala s-salib pettorali li kellu bħala Kanonku ta' l-Isla lil din il-Kolleġġjata. Għalkemm mgħobbi b' responsabiltajiet djoċesani, Monsinjur Galea baqa' jagħti kontribut kbir lill-Parroċċa ta' l-Isla. Huwa mexxa bosta gari katekistiċi fl-Oratorju tal-Gandlora, fis-Sede tal-Azzjoni Kattolika u fid-Domus Piju X. Xi snin wara jiġifieri fl-1940, huwa ġie magħżul bħala Vigarju Ġenerali ta' l-Arċisqof Mawru Caruana.

Matul iż-żmien diffiċli tat-Tieni Gwerra Dinjija, Monsinjur Emanuel Galea kellu jmur joqgħod iż-Żejtun flimkien mal-familja tiegħu. Hu malajr ġie mitlub biex ikun Direttur ta' l-Istitut ta' Gesu' Nazzarenu li hemm fiż-Żejtun stess. Minn hemm, hu baqa' jżomm ħafna kuntatti ma' l-Isla, fi żmien meta kienet milquta minn ġrajjiet ta' niket kbir.

Fl-1942, in-nomina tiegħu bħala Isqof titulari ta' Tralles'*(fit-Turkija ta' llum)*, ġabet ferħ kbir fost is-Sengleani. Fis-26 ta' Ġunju, 1942, il-Kapitlu ta' l-Isla ltaqa' fid-Dar ta' San Ġużepp f' Santa Venera, u l-Kanonċi ddiskutew x'setgħu jagħmlu għall-ġurnata tal-konsagrazzjoni li kienet ser tkun il-Ħadd, 5 ta' Lulju. Dak iż-żmien kien hemm il-projbizzjoni li l-mezzi pubbliċi jaħdmu nhar ta' Ħadd. Għalhekk, żgur li mhux kulħadd seta' jmur il-Katidral ta' l-Imdina għall-konsagrazzjoni. Għaldaqstant ftiehmu, li dawk li jkunu preżenti, fi tmiem il-funzjoni, jmorru flimkien, biex jifirħulu f' isem il-Kapitlu tal-Parroċċa. Ma kienx possibli li jagħtuh rigal mill-beni tal-mensa kapitulari minħabba l-qagħda preżenti. Għalhekk huma ddeċidew li kull wieħed minnhom jagħti kontribuzzjoni ta' mhux anqas minn nofs lira. Ix-xewqa tagħhom kienet li l-Kapitlu ta' l-Isla joffrilu baklu pastorali tal-fidda ndorat.

Il-Ħadd, 5 ta' Lulju, 1942, kien jum ta' ferħ għal Monsinjur Emanuel Galea u għas-Sengleani, għaliex fil-Katidral ta' l-Imdina ġie kkonsagrat bħala Isqof bit-titular ta' Tralles. L-Isqof Emanuel Galea assista lill-Arċisqof Mawru Caruana fil-missjoni tiegħu, u wara serva wkoll taħt l-Arċisqof Mikiel Gonzi. Nistgħu ngħidu li l-Isqof Galea kien it-tielet Isqof Senglean għax it-tnejn ta' qablu kienu, l-Arċisqof Ferdinandu Mattei,- Isqof ta' Pafo, li fis-27 ta' Settembru, 1807, ġie nnominat Isqof ta' Malta u Arċisqof titulari ta' Rodi. Nistgħu ngħidu li hu kien l-ewwel Senglean li ġie magħżul Isqof, u li sa llum għad għandna triq fid-daħla ta' l-Isla msemmiha għalih. It-tieni Isqof Senglean huwa l-Isqof Salvatore Gaffiero, li fil-15 ta' Jannar, 1899, ġie kkonsagrat Isqof titulari ta' Silimbrija.

Skond il-possibilità tagħhom, il-Kanonċi kienu preżenti għall-konsagrazzjoni ta' Monsinjur Galea. Imma, mbagħad, huma stednuh biex jiltaqa' magħhom f' laqgħa kapitulari fid-Dar ta' San Ġużepp nhar l-14 ta' Awissu ta' dik is-sena. Il-Kanonku Arċipriet Emanuel Brincat għamel diskors imqanqal għal din l-okkażjoni, u f' isem il-Kapitlu ppreżentalu r-rigal. Ma kienx baklu kif kien

**AĦBARIJIET LOKALI**

## Talba biex tinfetaħ il-kawża tal-Kanonizzazzjoni ta' l-Isqof Emanuel Galea

MINN CHARLES MUSCAT

Il-Kapitlu tal-Katidral ta' l-Imdina talab il-permess tal-Kurja ta' l-Arċisqof u tal-Kongregazzjoni tal-Vatikan biex tinfetaħ il-kawża għall-Kanonizzazzjoni ta' l-Isqof Emanuel Galea li kien Vigarju Ġenerali u Awżiljarju ta' l-Arċisqof ta' Malta u Isqof ta' Tralles. L-Isqof Emanuel Galea miet fil-21 ta' Awissu 1974.

Bħalissa għaddej proċess biex jinġabru dokumenti u ritratti dwar l-Isqof Galea li huma marbutin ma' din il-kawża.

Ħafna nies qed jirringrazzjaw lil Alla tal-grazzji li qed jaqilgħu bl-interċessjoni ta' l-Isqof Galea li jinsab midfun qrib il-Kappella ta' l-Istitut ta' Ġesu Nazzarenu fiż-Żejtun.

L-Isqof Emanuel Galea twieled fl-Isla fl-10 ta' Marzu 1891 u kien sar qassis fl-1915. Wara l-ordinazzjoni tiegħu kompla jistudja u sena wara kiseb id-dottorat fit-Teoloġija mill-Università ta' Malta. Fl-1923 kiseb lawrja oħra mill-Università Gregorjana ta' Ruma.

Wara li spiċċa mill-istudji tiegħu beda jgħallem il-Letteratura Latina fis-Seminarju ta' l-Arċisqof u mbagħad beda jgħallem il-Liġi Kanonika fl-Università ta' Malta.

L-Isqof Galea serva f'diversi karigi fil-Knisja tant li wara li laħaq qassis, sar Kanonku tar-raħal twelidu, l-Isla. Serva wkoll bħala Segretarju ta' l-Arċisqof Monsinjur Mauro Caruana. Hu sar Monsinjur tal-Katidral u wara Vigarju Ġenerali.



L-Isqof Emanuel Galea

Il-Papa Piju XII kien ħatru Isqof ta' Tralles biex jassisti lill-Arċisqof Caruana. L-Isqof Emanuel Galea serva kemm taħt l-Arċisqof Mauro Caruana kif ukoll taħt l-Arċisqof Mikiel Gonzi.

L-Isqof Galea kien magħruf għall-għajnuna li kien jagħti lil dawk l-aktar fil-bżonn fi żminijiet meta f'Malta kien għad hawn il-faqar u kien jgħix ħajja mill-aktar sempliċi u qrib il-poplu. Hu għex għal żmien twil f'parti mill-kunvent ta' Ġesù Nazzarenu u kien jagħmilha ma' l-orfni. Dan wassal biex dan il-bniedem kien popolari ħafna mal-poplu Malti.

Il-kontribut ta' l-Isqof Galea lis-soċjetà Maltija kien ukoll fil-qasam letterarju tant li kien jikteb fil-gazzetti u wħud mix-xogħlijiet tiegħu kienu ngabru fi ktieb bl-isem *Frak tad-Deheb* li ħareġ mill-Azzjoni Kattolika ◆

*Pittura ta' l-Isqof Emanuel Galea li tinsab fl-Awla Kapitulari tal-Bażilika. Kwadru mpitter mill-pittur Edward Caruana Dingli.*



a...

## L-Isqof Galea, ħelu u twajjeb

Meta nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2003 il-Kurja Arċiveskovili ħabbret uffiċjalment il-ftuħ tal-Proċess tal-Kawża ta' Beatifikazzjoni ta' l-Isqof Emanuele Galea, ħafna kienu dawk, l-iktar fost il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ, li staqsew min kien dan l-individwu ta' fama qaddisa.

Il-mistoqsija ta' dawn l-uħud issa twieġbet minn ktejjeb ta' 32 paġna, miktub minn Mons. Edgar Attard u ppubblikat mill-Kapitlu Metropolitan ta' l-Imdina, bit-titlu: 'L-Isqof Galea, ħelu u twajjeb'.

Il-ktejjeb huwa maqsum fi tmien kapitli ewlenin, jekk wieħed jeskludi d-daħla.

L-awtur iħares lejn ħajjet l-Isqof Galea mit-trobbija Nisranija li kellu, l-iktar il-mixja pass pass ma' ħuh lejn is-saċerdozju għall-mixja li permezz tagħha tela' fil-ġerarkija ekkleżjastika.

L-Isqof Galea hu deskritt bħala bniedem umli, u xandâr assidwu tal-Kelma ta' Alla, minbarra konfessur imfittex. Fuq livell personali, huwa kien bniedem ta' talb u karità, u fl-istess ħin bniedem inġenjuż.

Kapitlu sħiħ hu ddedikat lil sehem l-Isqof Galea fil-Konċilju Vatikan II.






*L-istemma familjari li ġiet minquxa fuq il-bieb tas-sagristija tal-Bażilika fis-sena 1981.*

ġie propost. Tawh tazza tal-fidda li kellha fuqha l-istemma tal-Kapitlu. L-Isqof Galea wera l-ferħ tiegħu għal-laqgħa ma' dak il-Kapitlu, li żmien qabel, kien membru tiegħu bħala Kanonku-Teologu.

Fl-1947, waqt laqgħa kapitulari, kulħadd qabel li lill-Isqof Galea jixraq li ssirlu pittura. Għalhekk, ġie nkarigat il-pittur Edward Caruana Dingli. Ġara' li l-pittur miet bla ma laħaq spiċċa r-ritratt taż-żejt, li juri 'l dan l-Isqof. Fis-26 ta' Settembru, 1950, il-Kapitlu ddeċieda li r-ritratt li sar ma jintmissx, u b' hekk jibqa' bħala l-aħħar opra ta' dak il-pittur. Imma aktar tard, huma biddlu fehmithom, u l-kwadru ntmiss biex ikun komplut. L-Isqof Galea mar l-Isla jagħti l-pussess lil bosta Kanonċi, u anki lill-Arċiprieti Ġiancarlo Burlo' u lil Ġwanni Sladden. L-Isqof Galea, isqof mingħajr ebda pretensjoni, apprezza ħafna l-fatt li l-Kapitlu ta' l-Isla, fl-1948, għażlu bħala Kanonku-Onorarju, u għalhekk hu minn qalbu bagħat ir-ringrazzjament tiegħu. Nhar it-3 ta' Awissu, 1952, l-Isqof Galea ta l-pussess ta' Kanonku-Prepostu tal-Kolleġġjata, lil ħuh Dun Franġisk.

Dak li ma setgħetx tagħmel ma' l-Isqof Galea meta ġie kkonsagrat Isqof, l-Isla għamlitu fil-ġublew tal-fidda ta' l-episkopat tiegħu. Għalhekk, għall-Bambina tal-1967, l-wisq mibki Kanonku Arċipriet Dun Ġwanni Sladden, kiteb: *"Uliedi Sengleani, din is-sena rridu nifirħu wkoll xi ħaġa iżjed mis-soltu, għaliex prinċipalment il-festi ta' Marija Bambina ser jiġu ċċelebrati mill-Eċċ. Tiegħu Monsinjur Isqof Galea, Vigarju Ġenerali, li bħala saċerdot tant ħadem fil-belt tagħna, u li din is-sena jaħbat il-25 sena tal-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħu"*. Kull meta kien jiġi l-Isla, lill-Isqof Galea wkoll kienet taqbiżlu xi demgħa ta' ferħ, huwa u jisma' l-kant ta' l-innu popolari, *O Marija, O Ħelwa Bambina*, li fl-1934 huwa nnifsu kiteb għall-parroċċa li twieled fiha.

F' Ġunju 1973, fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku tal-Parroċċa ta' l-Isla, l-Isqof Galea, meta mar iqaddes f' waħda mill-ġranet tal-Kungress, irregala lill-parroċċa, kalċi tal-fidda ndorat, li kien miżmum b' għożża kbira mill-familja tiegħu. Wara li qaddes b' dak il-kalċi, l-Isqof Galea xtaq li jinżamm fil-parroċċa bħala tifkira tal-familja Camilleri Galea: jiġifieri tal-Kan. Dun Stiefnu Camilleri u tan-neputijiet tiegħu: l-Isqof Emanuel Galea, u taż-żewġ ħutu l-oħra, il-Kanonċi Dun Salv u Dun Franġisk.

Lill-Isqof Galea ħabbewh dawk kollha li, b' xi mod

saru jafuh. Is-saċerdoti dejjem rawh bħala wieħed li setgħu jserrħu rashom fuq il-pariri għaqlin tiegħu. Kull min sama' xi twissija minn fommu, dejjem raħ bħala saċerdot li jagħder u jaħfer. Kulħadd kien jissaħħar jisimgħu jitkellem. Kien jaċċetta li jagħmel anki korsijiet ta' eżerċizzi matul ir-Randan. Huwa qatt ma kien jitkellem fit-tul, tant hu hekk, li, l-priedka tiegħu kienet tispiċċa qabel ma s-semmiegħa jibdew jegħjew jew jiddejqu. Hu żgur, li l-Isqof Galea jibqa' fil-qalb ta' kull nisrani u wisq iżjed ta' kull Senglean. Bħal Kristu, minn kull fejn għadda hu għamel il-ġid. Kulħadd kien iħoss li hu kien wieħed li ried igħinu anki f' xi għawġ li jkun inqalagħlu jew f' xi basla li jkun daħal fiha. Kemm-il darba, kien imur hu nnifsu biex jitlob xi ħaġa mingħand l-Arċisqof Mikiel Gonzi, għal xi persuna għaliex kien jaf, li, jekk tmur hi nnifisha, l- Arċisqof ma jagħtihiex li titolbu.

Bħala isqof, mis-sena 1942, huwa kien ta' kulħadd, u kull Malti ħass li l-Isqof Galea kien bniedem ta' kwalitajiet eċċezzjonali. Il-kobor tiegħu żdied għax dan l-isqof qatt ma ntefaħ bih innifsu, u kien ta' servizz għal kulħadd. Kien bniedem umli u xandar assidwu tal-kelma ta' Alla. Kien bniedem ta' talb u karità, u fl-istess ħin bniedem inġenjuż. Lill-Isla, hu qatt ma nsieha, u dejjem aċċetta bil-qalb l-istediniet kollha li kienu jagħmlulu sa minn ftit ġranet wara l-konsagrazzjoni episkopali tiegħu. Kien ta' dispjaċir kbir għas-Sengleani, li meta malli sar isqof, huma ma setgħux jilqgħuh f' din il-belt ħalli jifirħu bih. Huwa qatt ma falla milli jmur il-festa tal-Bambina ta' kull sena. Iżda xorta waħda, kważi kull sena, kien imur l-Isla jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof.

Il-kontribut ta' l-Isqof Emanuel Galea lis-soċjetà Maltija kien ukoll fl-appostolat tal-istampa. Kitbiet qosra, mimlijin tagħlim, kienu jidhru 'l hawn u 'l hinn f' tant pubblikazzjonijiet. Ma naqasx li jikteb ukoll fil-Bullettin Parrokkjali ta' l-Isla. Barra minn hekk, insibu li xi ftit mill-kitbiet tiegħu kienu nġabru fi ktejjeb li ssejjaħ ***Frak tad-Deheb,*** li nħareġ mill-Azzjoni Kattolika Maltija. Sa kapitlu sħiħ hu ddedikat lil sehem l-Isqof Emanuel Galea fil-Konċilju Vatikan II.

## Mistieden Speċjali fl-Okkażjoni tal-Festa ta' Marija Bambina

Bħalma żmien qabel, il-Kapitlu kien jistieden ta' sikwit lill-Isqof Senglean Monsinjur Salvatore Gaffiero, hekk l-istess beda jagħmel ma' l-Isqof Emanuel Galea. L-ewwel stedina kienet għall-festa tal-Bambina tal-1942, li minħabba l-gwerra, ma setgħetx issir ġewwa l-Isla. Waqt il-laqgħa kapitulari tal-14 ta' Awissu, 1942, ġie propost li l-festa tal-Bambina ssir fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara. Jekk imbagħad it-talba tagħhom ma tintlaqax jew jekk jitqegħdulhom kondizzjonijiet li ma jogħġbuhomx, jaraw jagħmlux il-festa fil-parroċċa tar-Rabat. Huma xtaqu li l-istatwa nkurunata ta' Marija Bambina tiġi esposta għall-qima tal-fidili fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara fejn kienet tinstab. Imma jekk ikun għad hemm xi periklu minħabba l-bumbardamenti, id-deċiżjoni dwar dan kienet ser titħalla f' idejn l-Arċipriet Brincat u l-Kanonku Abela.

Mil-laqgħa kapitulari tal-24 ta' Awissu, fid-Dar ta' San Ġużepp, nafu li l-Kapitlu ta' Birkirkara aċċetta t-talba li saritlu biex il-festa tal-Bambina ssir f' dik il-Kolleġġjata. Il-Kapitlu Senglean offra li jħallas lil ta' Birkirkara għall-ispejjeż ta' xi mużika li tkun saret. Għall-ispejjeż tal-festa, ħafna offerti ta' flus ġew mogħtijin mis-Sengleani evakwati f' Birkirkara. Il-priedki tat-Tridu saru minn Patri Bonaventura Fiorini, mill-Isla, predikatur magħruf tal-Franġiskani Konventwali. Il-Bambina ġiet armata fil-knisja. Għalhekk, ġarrew mill-Isla l-artal ta' quddiem il-vara, li proviżorjament kien merfugħ fl-Ospizju Sant' Anna. L-ewwel għasar u l-quddiesa pontifikali tmexxew mill-Isqof Emanuel Galea. Waqt il-pontifikal tqassmu 450 santa tal-Bambina li kienu ġew stampati fid-Dar ta' San Ġużepp. Dawk ir-rifuġjati Sengleani f' Birkirkara offrew rigal ieħor lill-Isqof. Is-Surmast Frankie Diacono mexxa l-mużika. Ġarrew diversi oġġetti mill-Isla u min-Naxxar biex jarmawhom f' Birkirkara għall-festa. Ġew stampati wkoll ħafna appelli lis-Sengleani li kienu mxerrdin madwar Malta kollha.

L-ewwel parteċipazzjoni ta' l-Isqof Emanuel Galea b' rabta ma' l-Isla kienet fir-Rabat. Il-Ħadd, 6 ta' Settembru, filgħodu, fil-parroċċa tar-Rabat saret quddiesa kantata mill-Arċipriet Brincat bl-assistenza tal-Kapitlu tal-Isla. Għal din il-quddiesa assista l-Isqof Galea. Dak in-nhar stess filgħaxija, il-Kanonku Goffredo Lubrano mexxa t-tieni għasar. Kien hemm ukoll ftit mużika bid-direzzjoni tas-surmast Frankie Diacono.

Il-Bambina tal-1942, kienet xhieda oħra ta' mħabba kbira tas-Sengleani lejn il-Patruna ta' din il-belt, li matul dak iż-żmien, kienet għaddejja minn tbatijiet kbar. Il-festi f' Birkirkara u r-Rabat kienu mezz biex lis-Sengleani ressquhom lejn xulxin.

## 1974: L-Isqof Galea: Maħbub u Meqjum sal-Aħħar

Mas-sebħ ta' l-ġurnata tal-21 ta' Awissu, 1974, fl-Isla waslet aħbar ħażina; dik li miet l-Isqof Emanuel Galea. Huwa miet fl-età sabiħa ta' 83 sena. Kien bniedem Senglean li għamel ġieħ kbir u isem denn lill-Isla. Bħala tifkira ċkejkna tiegħu, l-istemma familjari ta' l-Isqof Galea, fl-1981, ġiet minquxa fuq il-bieb li jagħti għas-sagristija tal-Bażilika ta' l-Isla. L-Isqof Emanuel Galea kien ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Santu Rokku taż-Żejtun. Imma, fil-5 ta' Novembru, 1990, il-fdal tiegħu ġie trasportat f' qabar ta' l-irħam fil-ġenb tal-kappella ta' l-Istitut ta' Ġesu' Nażżarenu taż-Żejtun. Il-funzjoni ċkejkna u privata saret fil-preżenza ta' Monsinjur Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta.

Intant, matul dawn il-ġimgħat li għaddew, kien jinsab għaddej proċess biex jinġabru dokumenti u ritratti dwar l-Isqof Emanuel Galea, u li huma marbutin mal-kawża tal-Kanonizzazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, il-proċess tal-

kawża tal-Beatifikazzjoni beda fi tmiem quddiesa kkonċelebrata minn Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, nhar l-24 ta' Ġunju, 2003, - festa tal-martirju ta' San Ġwann il-Battista. Bosta huma dawk li qed jirringrazzjaw 'l Alla tal-grazzji li qed jaqilgħu bl-interċessjoni tal-wisq mibki Senglean - L-Isqof Emanuel Galea, li kien ta' ġieħ kbir għal din il-belt Senglea li hu stess tant ħabb, u li ħafna għad huma dawk is-Sengleani li għadhom jiftakruh.

**Riferenzi:**


L-ISLA fi Ġrajjiet il-Bażilika - Santwarju ta' Marija Bambina ta' Patri Alexander Bonnici O.F.M. Conv. - Vol. III

*KALENDARJU 2002 - Personaġġi Sengleani miġbura mis-Sur Joe Abela.*

*Il-Ġens illum - Is-Sibt 2 ta' Awissu, 2003*


# Beatification process started

The beatification process of Bishop Emanuel Galea started at the end of a concelebrated Mass held at St. John's Co-Cathedral in Valletta on Tuesday, 24th June, feast day of St. John the Baptist.

The concelebration, which started at 6.00pm, was led by the Archbishop, Mgr. Joseph Mercieca. The beatification process started with the nomination of the people who will be in charge in the Ecclesiastical Tribunal to look into the case.

Born in Senglea on March 10, 1891, Mgr. Galea was educated at the University of Malta and ordained on December 18, 1915. He gained his Ph. D. from the Gregorian University in Rome. In 1930, he was appointed professor of Canon Law at the University of Malta and in 1940 was made Vicar General. On June 9, 1942, during the Second World War, he was nominated titular bishop of Tralles and auxiliary bishop to the bishop of Malta.

**Mgr. Galea died on August 21, 1974**


Eagle Forge Metal Craft

Godfrey Grima

19, St. Helen Street, Cospicua – Malta • Mob: 9942 5945

Simpson Boutique

144, St. Paul's Street, Cospicua

ĊANĊU SUPREME

Coaches, Buses, Mini Buses & Midi Buses for Hire

*(Andrew Abela) 24 Hour Service*

'Henant House', Castellana Road, Żejtun ZTN 07

Tel: 2166 4800 • Mob: 9943 6648